**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 02-2014.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 26 t'Awwissu 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson*.
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 t'Awwissu 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2014.
3. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
4. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
5. Mistoqsijiet mill-membri.
6. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 01-2014.

**2.00 Attivitajiet Sajf 2014.**

2.01 L-attivitajiet huma mexjin skont il-programm u qed ikun hemm konkorrenza favorevoli. Peress li s-soltu f'Settembru l-Malta Tourism Authority torganizza attività ta' mużika u kant, il-Kumitat kien se jiċċekkja jekk din l-attività hijiex ser issir u meta.

**3.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

3.01 Il-Kumitat/Kunsill bħalissa kien qed jipprepara sabiex jippubblika offerti li se jkunu ffinanzjati mill-EU u mill-UIF. Bħalissa l-Kumitat/Kunsill qed jitlob l-approvazzjoni mingħand il-Green Public Procurement.

L-offerti ser ikunu dawn:

*Tenders* iffinanzjati mill-EU Funds:

- Tender No.: MXR/001/2014 - Works Tender for the construction of a walkway leading to the restored underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.

  Tender No.: MXR/002/2014 - Supply of Furniture for an underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.

- Tender No.: MXR/003/2014 - Tender for the Supply and Installation of Mechanical and Electrical Services.

- Tender No.: MXR/004/2014 - Tender for the production, design and printing of a booklet, leaflet and map.

- Tender No.: MXR/005/2014 - Supply, Installation and Commissioning of a Ticketing System for an underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.

*Tenders* iffinanzjati mill-Urban Improvement Fund (UIF):

- Tender No.: MXR/006/2014 - Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay.

- Tender No.: MXR/007/2014 - Tender for the supply, delivery and installation of luminaries to fit existing lamp posts along the promenade in Ix-Xlendi and also a number of wall mounted luminaires to be installed in Triq l-Għar ta' Karolina.

- Tender No.: MXR/008/2014 - Tender for the supply, installation, testing and commissioning of decorative luminaires for Triq ir-Rabat at Ix-Xlendi.

- Tender No.: MXR/009/2014 - Supply of Planters and Benches at Ix-Xlendi.

**4.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

4.01 Il-Kumitat irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar *wires* tad-dawl fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi li minħabba siġra li telgħet minn isfel qed tagħmilhom f'periklu li jinqatgħu u jekk jiġri hekk il-*wires* jispiċċaw fil-gallerija ta' min qed jagħmel dan l-ilment. Hemm il-possibbiltà wkoll li jekk ix-xewka ta' din is-siġra tidħol fil-*wires* tal-kurrent tista' tibda tixxokkja. Dan l-ilment ġie rreferut lill-Enemalta u lill-Pulizija.

4.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand persuna li kienet qed iżżur Ix-Xlendi u lmentat li meta ppruvat tgħaddi minn quddiem il-ħanut li jbigħ il-pastizzi u pizza fi Triq San Xmun ma setgħatx tgħaddi u kellha tniżżel il-*pushchair* fit-triq peress li l-bankina kienet imblukkata. Iċ-*Chairperson* tax-Xlendi diġà kellem lis-sid sabiex iħalli passaġġ fuq il-bankina.

**5.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

5.01 Is-Sinjorina Charmaine Vella qajmet dawn il-punti:

Tindif fil-bokka tal-Wied tax-Xlendi għandu jsir mingħajr dewmien peress li daqt terġa' tibda tagħmel ix-xita. Hija ġiet infurmata li s-soltu l-Ministeru għal Għawdex inaddaf bil-gaffa din il-parti tal-wied.

Il-Kumitat għandu jaħdem sabiex jitpoġġew dwal ġol-Għar ta' Karolina. Hija ġiet infurmata li dan ix-xogħol huwa inkluż fit-*tender* li se toħroġ.

Issuġġeriet li l-Kumitat jaħdem fuq il-problema ta' *stray cats* li hemm fix-Xlendi u anke dwar l-użanza li qed jitpoġġew ilbies personali fil-faċċati tal-*flats* sabiex jinxfu wara li jkunu nħaslu.

Infurmat lill-Kumitat li qiegħda taħdem fuq żewġ proġetti; li jsir ġemellaġġ mal-lokalità ta' Laion li tiġi qrib il-belt ta' Bolzano fis-South Tyrol fuq kultura, agrikoltura u sajd u li tittella' attività fl-20 ta' Diċembru 2014 - Chris & Moira battle of the bands. Kollox ser ikun iffinanzjat mill-fond tal-Arti u Kultura ħlief it-tinda li se tiġi tiswa madwar €3,000 u għaldaqstant il-Kumitat irid jiddikjara li ser iħallas din l-ispiża. Ġie deċiż li jintalbu *sponsors* sabiex jitħallas il-kera ta' din it-tinda.

5.02 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Kumitat jagħmel proposta lil Heritage Malta sabiex dak il-fuħħar li nstab f'qiegħ il-baħar fix-Xlendi jiġi esibit fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi għaliex huwa infurmat li diversi fuħħar qed ikun storjat f'kamra msakkra. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.00 Materji oħra.**

6.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 30 ta' Settembru 2014, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***